MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Numru 21/2

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 21 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tal-elfejn u wiehed (2001) Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti wasal Malta fuq titjira tal-Libjan Arab Airlines minn Tripoli u waqt li kien ghaddej mid-Dwana instabu fil-pussess illegali tieghu fost affarijiet ohra tnax il-bott li go fihom kien hemm tmintax il-blokka tar-raza tal-cannabis, droga perikoluza, li hu kien ghadu kif xjentement bi skop ta' qliegh importa f'Malta. B'kollox kien hemm aktar minn tlitt kilogrammi. Illi r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis hija medicina

perikoluza kkontrollata bil-Ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga imsemmija.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista tigi importata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-dispozizjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux anqas minn elf lira (Lm 1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 8(a) 15A 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i) (3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat;

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe' fis-26 ta' Settembru 2001 Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti kellu fil-pusses xjenti tieghu aktar minn tlett kilogrammi tar-raza tal-cannabis intizi ghal haddiehor li kien ghadu kif importa llegalment f'Malta minn Tripoli u li

nstabu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta mill-ufficjali tad-Dwana. Illi r-raza mehuda mill-pjanti tal-cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-Ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, u ma kien hemm l-ebda licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) li tawtoriza l-importazzjoni tad-droga perikoluza imsemmija.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew x’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal-Kontrol Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga, raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta jew li jkollu dik id-droga

fil-pussess tieghu w dik id-droga ma kienitx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux anqas minn elf Lira (Lml000) izda mhux aktar minn hamsin elf lira (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat;

3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi ghall-habta ta' Settembru, 2001 u xi zmien qabel l-akkuzat ftiehem ma haddiehor sabiex tiddahal f'Malta id-droga raza tal-Cannabis u tigi mibjugha w traffikata f'dawn il-Gzejjer. Illi infatti, fis-26 ta' Settembru, 2001 l-istess Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti importa aktar minn tlett kilogrammi raza tal-Cannabis f'Malta u dan fuq pjan miftiehem minn qabel ma persuni ohra biex l-istess droga tinbiegh f'Malta.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi akkuzat sar hati talli assocja ruhu ma persuni ohra f'Malta u ma xi persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicini w droga ohra f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Noaman Emhemmed Ramadan El-Arnauti hati talli assocja ruhu ma persuni ohra f'Malta w ma persuni ohra barra minn Malta bi ksur ta' dispozzizjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; Talab illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundanat ghal piena ghal

ghomru prigunerija w multa ta’ mhux anqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira (Lm 50000) u l-konfiska favur il-gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u fl-Artikolu 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz ta’ Dr. Leon Bencini irrinunzja ghal kull terminu legali w iddikjara li l-kawza tista’ ssir illum u li bih ezenta lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;

Rat illi waqt is-seduta tallum, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta , l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lil Noaman Emhemmed u Ramadan El-Arnauti hati talli fis-26 ta’ Settembru, 2001, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f’Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza .

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Noaman Emhemmed u Ramadan El-Arnauti hati talli dejjem fis-26 ta' Settembru, 2001, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tal-istess mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b' xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija , b' dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dana skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Noaman Emhemmed u Ramadan El-Arnauti hati talli ghall-habta ta' Settembru, 2001 u xi zmien qabel huwa ftiehem ma' haddiehor sabiex tiddahhal f'Malta d-droga raza tal-cannabis u tigi mibjugha w traffikata f'dawn il-Gzejjer u b'hekk gie hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma persuni ohra barra minn Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet id-dikjarazzjoni tal-hati dwar il-piena;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa' tletin sena ;

Qieset ukoll li skond il-proviso tal-artikolu 22 (2) (aa) meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta’ tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita’ tal-medicina w x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira ;

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll favur il-hati l-eta’ w l-kondotta incensurata tieghu kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ;

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem” (31.10.2002) u “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” (15.05.2003) kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b’verbal appozitu;

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-akkuzat li hu kien qieghed jimporta go Malta kwantita' sostanzjali ta' 3140.1 grammi tar-raza tal-pjanta cannabis u li l-purita' taghhom kienet ta' circa 16% u li din il-kwantita' hekk kbira ta' droga kienet ser taghmel hsara lis-socjeta' Maltija li ghaliha kien jidher car li kienet destinata, u dana b'abbuz tal-ospitalita' li l-gens Malti tah bhala barrani li kien qed izur dawn il-Gzejjer;

Qieset is-sottomissjoni tad-Difiza li l-akkuzat iddikjara li iddispjacih minn dak li ghamel u talab skuza u mahfra mis-socjeta' Maltija u mill-Qorti u li f'dan il-kaz si trattava ta' raza tal-cannabis u mhux ta' medicini perikoluzi aktar qawwija – distinzjoni li pero' l-Ligi Maltija ma taghmilx –;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement  biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat  in kwantu l-kwantita' u purita' tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw  din il-marterja;

Rat l-artikoli 7, 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(2)(a)(i)(ii), (1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f)(2)(b)(i) u 26 u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 u l-Artikoli 17(h) 23, 492 u 533 tal-Kap 9;

Tikkundanna lill-hati Noaman Emhemmed u Ramadan El-Arnauti ghall-piena ta' ghaxar snin prigunerija,  b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta'  sbatax il-elf lira Maltin (LM17,000) u jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi' tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi , kif ukoll  li jhallas is-somma ta' mitejn  lira Maltin (LM200), import  tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Tordna ukoll id-distruzzjoni  tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud,  sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b’Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi  w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Fl-ahhar nett tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum,  jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------